MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 758/2002

**Margaret Seguna**

**vs.**

**Peter Ohaka**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Lulju 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fid-disa u ghoxrin ta’ Dicembru tas-sena elfejn (29/12/2000) il-partijiet twieldilhom tifel komuni li semmewh Julian;

Illi l-istanti Margaret Seguna ghaddiet minn forma ta’ zwieg apparenti mal-konvenut Peter Ohaka, ta’ nazzjonalita’ nigerjana, fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta, Malta, fit-tmienja u ghoxrin ta’ Gunju tas-sena elfejn u

wiehed (28/06/2001), u dana kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg numru disa mija u tlieta u hamsin tas-sena elfejn u wiehed (953/2001) kopja ta' liema tinsab hawn unita u markata Dok. "A";

Illi dan iz-zwieg kien null u bla ebda effett *ab initio* ghat-*tenur* ta' l-**artikolu 19 (1) ta' l-att tas-sena 1975, kif emendat, dwar iz-Zwieg (Kap. 255);**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fit-28 ta' Gunju 2001 kien null u bla effett *ab initio* minhabba d-diffetti, jew wahda minnhom *a tenur* ta' l-**artikolu 19 (1) ta' l-att tal-1975 kif emendat, dwar iz-Zwieg (Kap. 255);**

2. Tapplika kontra l-konvenut *in mala fede* l-effetti kontemplati fl-**artikolu 20** ta' l-istess **Kap. 255;**

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward, *okkorrendo* dwar it-tifel komuni Julian;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal datat 14 ta' Novembru 2002, fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors ta' Margaret Seguna, datat 16 ta' Dicembru 2002, a fol 13, fejn l-esponenti talbet bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tqieghed mill-gdid fuq il-lista din il-kawza.

Rat id-digriet datat 17 ta' Dicembru 2002, a fol 14, fejn il-Qorti laqghat it-talba, b' dan li r-rikorrenti kellha tikkonferma r-rikors bil-gurament u *di' piu'* ordnat in-notifika skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** f'gazzetta lokali wahda, u ordnat lill-attrici biex tipprezenta x-xhied taghha bil-procedura tal-affidavits u bin-notifika lill-kontroparti sad-differiment li kien imiss.

Rat ir-rikors ta' Margaret Seguna, datat 20 ta' Jannar 2003, a fol 16, fejn l-esponenti talbet bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna li n-notifika tal-konvenut bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh issir permezz tal-procedura ta' l-affissjoni.

Rat id-digriet datat 24 ta' Jannar 2003, a fol 17, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat tali notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Rat il-verbal datat 12 ta' Frar 2003, fejn Dr. Henry Antoncich ghall-attrici prezenta nota b'estratt ta' pubblikazzjoni f'gazzetta lokali wahda u ta' Gazzetta tal-Gvern, flimkien ukoll ma' affidavit tal-attrici. Inghata digriet affidavit attrici b'terminu ta' 40 gurnata. Il-Qorti nnominatat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju w ordnatlu biex izomm zewg seduti fil-mori tad-differiment ghall-konkluzjoni tal-provi kollha tal-attrici, liema provi ma jkunx producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa.

Rat in-nota tal-attrici Margaret Seguna, datata 12 ta' Frar 2003, a fol 21, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha.

Rat in-nota tal-attrici Margaret Seguna, datata 12 ta' Frar 2003, a fol 25.

Rat il-verbal datat 8 ta' Mejju 2003, fejn il-kawza giet differita *sine die*.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjaru Dr. Paul Farrugia.

Rat ir-rikors ta' Margaret Seguna datat 13 ta' Mejju 2003, a fol 25, fejn l-esponenti talbet bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tqieghed mill-gdid fuq il-lista l-kawza fl-ismijiet premessi sabiex l-istess tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet datat 13 ta' Mejju 2003, a fol 36 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavit attrici b' 20 gurnata mid-data tad-digriet.

Rat in-nota ta' Margaret Seguna datata 30 ta' Mejju 2003, a fol 37, li permezz taghha prezentat l-affidavit ta' Mary Seguna u l-affidavit ta' Vincent Seguna.

Rat id-digriet datat 2 ta' Gunju 2003, a fol 48 fejn il-Qorti appuntat il-kawza.

Rat ir-rikors ta' Margaret Seguna datat 15 ta' Lulju 2003, a fol 52 fejn l-esponenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna n-notifika tal-konvenut bir-riappuntament, permezz tal-procedura tal-affissjoni.

Rat id-digriet datat 16 ta' Lulju 2003, a fol 53, fejn il-Qorti laqghat it-talba w ordnat tali notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Rat il-verbal datat 9 ta' Ottubru 2003, fejn Dr. Henry Antoncich prezenta nota bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali.  Peress li kien ghadu ghaddej it-terminu ghall-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet il-Qorti diferixxit il-kawza, pero' qabel dan nominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jisma' l-provi kollha.

Rat in-nota tal-attrici datata 9 ta' Ottubru 2003, a fol 58.

Rat il-verbal datat 8 ta' Jannar 2004.

Rat is-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia, datata 3 ta' Dicembru 2003, minn fol 63 sa fol 76.

Rat ir-rikors ta' Margaret Seguna datat 16 ta' Frar 2003, a fol 78, fejn l-esponenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex jogghobha tiddiferixxi l-kawza ghal data wara t-28 ta' Frar 2004.

Rat id-digriet datat 17 ta' Frar 2003, a fol 79, fejn il-Qorti kienet ser tipprovdi *seduta stante.*

Rat il-verbal datat 18 ta' Frar 2004, fejn Dr. Melanie Schembri ghall-atttrici nfurmat lill-Qorti li l-provi attrici huma maghluqa.

Rat il-verbal datat 22 ta' April 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' April 2004.

Rat li l-konvenut *nonostante* li notifikat ma pprezneta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat l-att kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attrici **Margaret Seguna,** tali affidavit gie prezentat premezz ta' nota datata 12 ta' Frar 2003 u jinsab minn fol 22 sa fol 24. Rat l-affidavit ta' omm l-attrici **Mary Seguna** u ta' missier l-attrici **Vincent Seguna.** Tali affidavit gew prezentati permezz ta' nota datata 30 ta' Mejju 2003 u jinsabu minn fol 38 sa fol 41.

### (ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed titlob li z-zwieg celebrat fid-29 ta' Dicembru 2000 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a), (b), (c), (d) (e), (f) (g) u (h) tal-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi *nonstante* li ma sartix opposizzjoni ghall-annullament ta' dan iz-zwieg *da parte* tal-konvenut, xorta din il-Qorti ghandha tezamina jekk it-talba attrici hijiex legalment fondata, u dan ghaliex l-istatut taz-zwieg huwa l-bazi li fuqu hija mibnija s-socjeta' nostrali.

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) (b), (c) (d) (e), (f) (g) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

**Artikolu 19 (1*)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(a)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'";*

*b. "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun eskluz minhabba zball fuq l-identita` tal-parti l-ohra."*

*(c) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga";*

*(d) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*(e) "jekk xi wahda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg".*

*(f) "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

*(h) "jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

- **L-ARTIKOLU 19(1) (A):**

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe."** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru tal-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn,*** u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat*

*minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu".*

Illi fil-kawza **"Josephine Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium".*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca",** (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

- **L-ARTIKOLU 19(1) (B):**

Illi l-izball jikkonsisti f'gudizzju falz dwar xi haga jew xi hadd u kwindi jista' jigi kkunsidrat bhala difett tal-intellett. Il-persuna fl-izball ma tkunx nieqsa mill-gharfien shih izda jkollha gharfien zbaljat dwar il-persuna jew l-oggett. Dik il-persuna, mbaghad taghmel gudizzju jew tifformula opinjoni bbazata fuq dak illi li zbaljatament tkun qed tippercepixxi.

Il-**"*Castano'*"** jaghti s-segwenti definizzjoni dwar zball fil-ktieb tieghu: **"Il Sacramento del Matrimonio"**:-

"*L'errore infatti e' un atto del'intelletto che consiste in un 'iudicium falsum', gudizio che ha come causa una falsa 'rei apprehensio'. Come abbiamo detto ripetutamente, la volonta' – facolta' che consente – non si muove se l'intelletto non le presenta un oggetto che attiri la sua appetibbilita'. Ma l'intelletto, proprio a causa del 'iudicium falsum (errore), presenta alla volonta' un oggetto falso distorto, un oggetto cioe` che non corrisponde alla verita'. E' per questo che la volonta' viene erroneamente indotta ad emettere un consenso che non risponde alla realta' e quindi il vero consenso viene a mancare"*.

Illi huwa minhabba f'din ir-raguni illi l-izball jitqies bhala vizzju tal-kunens u dan ghaliex dak il-kunsens ikun qed jigi moghti taht gudizzju falz li l-persuna li tkun qieghda taghtih tkun ghamlet fuq il-parti l-ohra fiz-zwieg. L-izball *inoltre* irid ikun tali illi min-natura tieghu ifixxkel serjament il-hajja mizzewga bejn il-partijiet. Jekk il-persuna fi zball, wara l-gharfien ta' dak l-izball thoss illi l-hajja matrimonjali taghha ma hijiex imfixkla b'dan l-gharfien allura l-kunsens matrimonjali minnha moghti jkun wiehed validu u dan peress illi l-volonta' tieghu jew taghha ma tkunx giet effettwata b'dak il-gudizzju falz li jkun sar. Fil-fatt fil-ligi kanonika, ssir distinzjoni bejn zball fuq il-persuna u zball rigward xi kwalita' tal-persuna, liema kwalita' trid tkun "*directly and principally intended*", u cioe` li fil-mument taz-zwieg, il-kunsens matrimonjali jkun qed jigi marbut ma' dik il-kwalita' fil-parti l-ohra, li jekk tkun nieqsa allura ggib in-nullita' ta' dak iz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens.

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (C):</u>**

Illi l-kaz u t-talbiet attrici ser jigu issa ezaminati fuq il-premessa bbazata fuq id-dispozizzjonijiet tal**-artikolu 19(1) (c) tal-Kap 255** u cjoe' jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar*

*xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Canone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che <u>il dolus abbia influsso nel consenso</u>, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (<u>op</u>. <u>cit</u>. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

- **L-ARTIKOLU 19(1) (D):**

Illi l-attrici ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli*

*istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of*

*life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring”* (***Viladrich, P.J.*****, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*****)***, p. 686).*

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (F):</u>**

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) **u “Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **“Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) 1 t’Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

- **<u>L-ARTIKOLU 19(1) (G).</u>**

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *“a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. “I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you”* (**“Handbook II for Marriage Nullity Cases”** pg. 107).

Illi fil-fatt dan l-artikolu jitkellem dwar persuna, li ghalkemm mhux interdetta jew marida, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. Ghalhekk, apparti interdizzjoni jew mard mentali, dan l-artikolu jinkludi wkoll stat mentali temporanju li jaghmilha mpossibbli ghal persuna li jaghti kunsens validu. Ezempju ta’ dan hu jekk persuna tkun taht l-effett tax-xorb, tad-droga, jew ta’ dipressjoni.

Illi ***John R. Keating***, fil-ktieb tieghu **“The Bearing of Mental Impairment on the Validity of Marriage. An Analysis of Rotal Jurisprudence”** f’pagna 104 jaghti dan l-ezempju:-

*“Let us take the case of the man who has determined to marry a certain girl but to carry him through the ordeal, gets drunk and expresses consent in such a state. The marriage, if it is null, is null not because of insufficient internal will, but because the act of manifestation was not a human act, a juridical act, an act capable of juridically signifying a virtually persevering internal will.”*

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet iltaqghu fis-7 ta’ Settembru 1998 meta l-istess konvenut bhala plejer tal-futbol nigerjan kien gie jilghab hawn Malta ma’ Naxxar Lions. Fis-sena 2000 mar joqghod Ghawdex ma’ siehbu u f’Marzu/April 2000 l-attrici harget tqila u t-tifel twieled fid-29 ta’ Dicembru 2000 u l-konvenut beda joqghod ghand il-

genituri ta’ l-attrici, izda gara li peress li l-istess konvenut ma’kellhux permess biex joqghod hawn Malta kien ser jitkecca minn Malta u ghalhekk l-partijiet izzewgu civilment fit-28 ta’ Gunju 2001. Sussegwentement l-istess konvenut kien akkuzat kriminalment li kien ghamel atti zienja quddiem minorenni, u nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati datata 10 ta’ Lulju 2002 mill-Magistrat Abigail Lofaro. Wara dan l-attrici u l-konvenut sseparaw bonarjament b’kuntratt datat 22 ta’ Frar 2002.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta fl-ewwel lok li dan kien zwieg ta’ konvenjenza u l-partijiet izzewgu peress li altrimenti l-istess konvenut kien ser jitkecca minn Malta; ovvjament din il-Qorti tirreferi ghall-diversi sentenzi moghtija minnha fejn persuni ta’ nazzjonalita’ barranija jizzewgu nisa Maltin biss ghall-iskop li jakkwistaw ic-cittadanza Maltija jew id-dritt li joqghodu u jghixu hawn Malta, u certament li l-Awtoritajiet koncernati ghandhom juzaw il-mezzi kollha possibbli sabiex dan l-abbuz mil-ligijiet tal-pajjiz ma’ jibqax issir, *stante* li minn dak li qed tara din il-Qorti l-ammont qed dejjem jikber.

Illi ghal dak li jirrigwarda dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li din kienet ir-raguni principali ghaliex l-partijiet izzewgu habta u sabta u ghalhekk il-kunsens tal-konvenut kien hekk vizzjat abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi *di piu’* jirrizulta li l-konvenut kien affettwat minn difett ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewwa u l-obbligi u d-dmirijiet naxxenti mill-istess u dan huwa manifestat mill-fatt li f’diversi okkazzjonijiet huwa kkometta atti zienja quddiem persuni minorrenni u certament dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** u l-kunsens tal-attrici kien vizzjat minhabba li ma’ kinitx taf dwar dan il-fatt u l-komportament u d-disposizzjoni tal-konvenut ghall-esebizzjonismu abbazi tal-**artikolu 19 (1) (b) u (c) ta’ l-istess kap 255.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fit-28 ta' Gunju 2001 kien null u bla effett *ab initio* abbazi tal-**artikolu 19 (1) (b) (c) (d) u (f) tal-Kap 255** minhabba vizzju ta' kunsens da parte taz-zewgt kontendenti, ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, kif fuq premess.

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika kontra l-konvenut *in mala fede* l-effetti kontemplati fl-**artikolu 20** ta' l-istess Kap. 255;

3. Tilqa' din il-talba u takkorda l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri Julian f'idejn esklussiva ta' l-attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------